**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' April 2021**

**<u>Rikors nru: 229/2020 AGV ;</u>**

**ABC**
**Vs**
**DC f' isimha propju u bhala kuraturi ad litem tal-minuri EC u FC**
**U**
**Direttur tar-Registru Pubbliku.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrent, datat 2 ta' Dicembru 2016, fejn espona bir-rispett u ikkonferma:-

1. Illi l-kontendenti f'din il-kawza zzewgu fit- 12 ta' Gunju 1999. Illi dan iz-zwieg qatt ma rnexxa u di fatti, il-partijiet ilhom ghexieren ta' snin separati de facto.

2. Illi wara dan iz-zwieg l-intimata kellha zewgt itfal bl-isem ta' EC mwielda fit-8 ta' Dicembru, 2006 u FC imwieled fit-3 ta' Awwissu, 2014 (certifikati tat-twelid annessi u mmarkati Dok A u Dok B rispettivament).
3. Illi minkejja li fuq l-att tat-twelid tal-minuri EC u FC, (Dok. A u B gia annessi) gie indikat l-esponent ABC, bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, illum il-gurnata ma hemm ebda dubju illi l-esponent ma hux il-missier naturali tal-minuri. Dan qieghed jinghad in vista tal-fatt illi sar test tal-paternita' li kkonferma fil-fatt illi l-esponent ma hux il-missier naturali tal-minuri E u FC (Ara DNA Paternity Test Report ta' EC u FC annessi u mmarkati Dok SA 1 u SA 2 rispettivament).
4. Illi stante li ghadda terminu ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri ai termini tal-artikoli 73(a) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, r-rikorrent talab permess lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi b' din il-kawza ai termini tal-istess artikolu msemmi.
5. Illi permezz ta' digriet datat 22 ta' Ottubru, 2020 dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex tigi prezentata l-kawza de quo, (ara digriet u mmarkat Dok. C).
6. Illi inoltre' l-esponenti jiddikjara minn issa illi ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-minuri EC u FC jibqghu jithallew juzaw l-istess kunjom illi huma maghrufa bih u cioe' l-kunjom, ' C'.
7. Illi r-rikorrent jaf personalment b' dawn il-fatti kollha.

Ighidu ghalhekk, il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghar- ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi, prevja l-hatra ta' periti nominandi, illi l-imsemmija minuri E u FC ma humiex il-wild naturali tal-esponenti, b' mod li ghalhekk

hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid, tal-imsemmi minuri, f' dan is-sens.

**2.** Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-atti tat-twelid, tal-imsemmija minuri E u FC liema atti jgibu n-numru progressivi '4015', u '3797', rispettivament, billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsab mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tal-intimat ABC, u l-istess jigu sostitwiti bil-kliem, 'Missier mhux maghruf', jew 'Unknown Father'.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata** tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 11 ta' Jannar 2021fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti qieghed jassumi illi din il-kawza giet intavolata ai termini tal-artiklu 70 sub inciz, (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-kawza istanti si tratta ta' DENEGATA PATERNITA.'

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jistqarr li huwa mhux edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat.

3. Illi r-rikorrent jehtieglu jipprova u jissodisfa minn tal-lanqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 70 sub inciz (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan il-ghan, ir-rikorrent esebixxa r-rapporti ta' testijiet genetici ai termini tal-artikolu 70 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jindika li huwa mhux il-missier naturali tal-minuri EC u FC , nonostante dan jidher li jonqos li tali rapport ghandu jigi kkonfermat mit-tekniku Dr. Marisa Cassar.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ghadhom jassumu l-minuri.

5. Illi subordinatament, u dejjem bla hsara ghas-suespost, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet 'the said', li jinsabu qabel isem ABC, senjatament taht il-kolonna ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom flimkien mal-konnotati tar-rikorrent jigu kkancellat mill-atti tat-twelid tal-minuri E u FC.

6. Illi finalment, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhix attribbwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u ghaldaqstant, huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed minn issa jigi ngunt in subizzjoni.

Rat li l-intimata m'oggezzjonatx ghat-talbiet attrici.

Rat li Dr. Marisa Cassar ipprezentat ir-rapport taghha datat 10 ta' Lulju, 2019 minn fejn jirrizulta, wara li zammet it-testijiet tad-DNA fuq kampjuni orali tal-konvenuti DC, E u FC u ABC , li l-attur mhuwiex il-missier naturali tal-minuri E u FC.

Rat ukoll li l-attur m'ghandux oggezzjoni li t-tfal minuri jibqghu jzommu l-kunjom C.

In vista tal-fatt li l-konvenuta DC qed taqbel mal-azzjoni attrici, il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza. Ir-rapport tad-DNA jikkonferma wkoll li l-attur

mhuwiex il-missier naturali tal-minuri msemmija, u ghalhekk il-Qorti ghandha l-konfort ta' prova xjentifika apparti l-ammissjoni tal-konvenuta stess. Fl-ahhar lok, l-attur ma kellux oggezzjoni li l-minuri jibqghu maghrufa bil-kunjom tieghu, Dan huwa ta' ghinuna ghall-istess minuri, l-aktar peress illi fl-ambjent familjari taghhom bhall-iskola, huma ilhom hekk maghrufa issa ghal zmien twil, u jaf jkun ta' pregudizzju ghalihom li l-kunjom taghhom jinbidel f'dan l-istadju. Tenut kont, ghalhekk, ta' dawn il-fatti tal-kaz, it-talbiet attrici ser jintlaqghu.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi :-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici;
2. Tilqa' t-tieni talba attrici, b'dana li kunjom it-tfal jibqa' jidher bhala C.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn l-attur u l-konvenuta DC.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**